


# L-Ewwel Isqfijiet ta' Malta

**Mario Fenech**

Suġġett interessanti huwa dak tal-lista ta' Isqfijiet li kienu nħatru biex imexxu l-Poplu Malti fl-ewwel snin tat-twaqqif tal-Knisja f'Malta.

Insibu numru ta' dokumenti f'arkivji differenti li permezz tagħhom inkunu nistgħu niffurmaw lista mhux eżatta għal kollox ta' isqfijiet li mexxew il-Knisja f'Malta matul is-snin bikrin tagħha.

Uħud minn dawn il-kitbiet insibuhom miġbura fl-istudju li kien għamel l-istoriku Achille Ferres fil-ktieb tiegħu *Descrizione Storica della Chiese di Malta e Gozo*.

Jibda din il-lista bl-isem ta' San Publiju, fejn jgħid li għalkemm dan kien jgħix f'Malta x'aktarx li kien ġej minn familja Rumana. Minħabba l-kapaċitajiet tajbin li kellu bħala mexxej huwa kien ġie maħtur Isqof tal-Knisja li kienet għadha kemm twaqqfet minn San Pawl f'Malta.

L-istoriku jgħid ukoll li aktar tard dan Publiju kien intbagħat f'Ateni, fejn kien għex, sakemm ingħata l-martirju mill-Imperatur Elio Adriano fis-sena 123 wara Kristu. Ferres jgħid li meta miet Publiju kellu 100 sena.

Kellhom jgħaddu madwar 400 sena sakemm f'dokument ieħor tfaċċa l-isem tal-Isqof Acacio. Dan kien mexxa l-Knisja f'Malta, fi żmien il-Papa Leone I. Jissemma bħala Isqof ta' Malta, fis-sena 451 wara Kristu.

Wara 50 sena, lejn is-sena 501 wara Kristu, jitfaċċa l-isem ta' Isqof ieħor, din id-darba l-Isqof Costantino. Dan kien fi żmien il-Papat ta' San Simmaco. Dan il-fatt huwa kkonfermat fl-Atti tal-Konċilju Ruman V.

L-abbati Pirri fis-*Sicilia Sacra* u Abela fil-*Malta Illustrata* jgħidu li dan Costantino kien l-Isqof ta' Malta dak iż-żmien, iżda l-Konti Ciantar, fil-ktieb tiegħu *Addizioni a Malta Illustrata* jgħid li dan l-Isqof Costantino kien il-Metropolitanu tal-Armenia.

Wara perjodu ta' 97 sena, lejn is-sena 598 wara Kristu, jitfaċċa l-isem ta' Lucillo li dwaru jitkellem il-Papa Qaddis San Gregorju. Skont kif kiteb dan il-Papa, l-Isqof Lucillo kien mexxa l-Knisja f'Malta. Jgħid ukoll li dan l-Isqof kien abbuża mill-awtorità tiegħu, kien ta' eżempju ħażin għall-poplu, allura kien għalhekk li kien ordna li jitneħħa mill-kariga.

Kien talab lill-Arċisqof ta' Sirakuża biex jieħu ħsieb sew lill-Insara f'Malta u jara li jinstab isqof ieħor li jkun mixtieq mill-Kleru *(una persona proba a loro piacimento)*.

Għal daqstant naraw fis-sena 599 wara Kristu kien qiegħed imexxi d-Djoċesi ta' Malta l-Isqof Traiano li kien minn Valeria, Provinċja ta' Abbruzzi.

Kien patri u abbati ta' Monasteru ta' Santa Luċija (hekk tgħid il-kitba li sibt dwaru *Monaco ed Abate di un Monastero di Santa Lucia*). Kien ġie ttrasferit f'Sirakuża u nominat Abbati tal-Monasteru ta' Santa Luċija.

Jitkellem dwar dan l-Isqof Valeria, l-Papa San Girgor, f'waħda mill-Ittri Pontifiċji tiegħu.

Minn din is-sena 599 sas-sena 868 ma nstab xejn dwar xi isqfijiet li nħatru f'din il-kariga biex imexxu d-Djoċesi ta' Malta.

Fis-sena 868 imbagħad, jissemma l-Isqof Grieg Manas, li dwaru hemm rakkonti interessanti dwar in-nomina tiegħu, kif ukoll il-ħidma li għamel kemm dam imexxi l-Knisja ta' Malta. Dwar dan l-Isqof Manas nikteb fil-ħarġa tas-sena d-dieħla ta' dan il-Programm.

Il-Festa t-Tajba lil Kulħadd.

## Nifirħu lil Fr Charles Cini li nħatar Arċipriet tal-Parroċċa ta' San Publju, il-Furjana

